**REĠJUN ĊENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru 54

Il-Ħamis, 19 ta' Frar, 2015

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, L-Imsida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Peter Bonello, ippresieda.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| President tar-Reġjun | Peter Bonello | Preżenti |
| Viċi President | Stefan Cordina | Skużat |
| Sindku L-Imsida | Margareth Baldacchino Cefai | Preżenti |
| Viċi Sindku B'Kara | Rita Borg | Preżenti |
| Kunsillier San Ġwann | Dominic Cassar | Preżenti |
| Kunsillier Il-Gżira | Joe Camilleri | Skużat |
| Sindku Ta' Xbiex | Maximillian Zammit | Skużat |
| Sindku Sliema | Anthony Chircop | Preżenti |
| Sindku Santa Venera | Stephen Sultana | Preżenti |
| Sindku Ħal Lija | Magda Magri Naudi | Preżenti |
| Viċi-Sindku Il-Pietà | Josephine Fabri | Preżenti |
| Viċi Sindku L-Iklin | Anthony Dalli | Preżenti |
| Kunsillier Ħal Balzan | Stephen Gatt | Preżenti |

**UFFIĊJALI**

Segretarju Eżekuttiv: Jeanette Galea

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru 53 li saret nhar il-Ħamis, 15 ta' Jannar 2015, kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Anthony Chircop, sekondat mis-Sur Stephen Gatt.

## 2. ĦWEJJEĠ LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI

*Ma kienx hemm ħwejjeġ li jirriżultaw mill-minuti.*

## 3. APPROVAZZJONI TAL-*FINANCIAL STATEMENTS*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, talab biex il-laqgħa tkun sospiża biex ikun jista' jidħol l-Accountant, is-Sur Brendan Camilleri.

L-Accountant, is-Sur Camilleri ta spjegazzjoni tal-*financial statements* għas-sena li spiċċat fil-31 ta' Diċembru 2014 u spjega kif id-dħul mill-LES żdied mis-sena 2013 għas-sena 2014.

Is-Sindku tal-Iklin, is-Sur Anthony Dalli, talab għal spjegazzjoni kif l-ispiża tal-Gwardjani Lokali telgħet għal €330,000.

Il-President, is-Sur Bonello, żied jgħid ukoll li l-ispiża fuq l-*eco wardens* kienet kbira u li ma tantx ikun hemm dħul ta' ċitazzjonijiet.

Is-Sur Camilleri żied jgħid ukoll li l-ispiża tal-Gwardjani Lokali trid tikkumparaha ma' kemm il-ċitazzjoni nħarġet.

Il-President, is-Sur Bonello, talab lill-accountant biex jagħti stampa aktar ċara tas-sitwazzjoni finanzjarja sal-aħħar ta' Frar 2015.

Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, staqsa fuq iċ-ċekkijiet li ma kenux ippreżentati.

Is-Sur Camilleri spjega li dawn iċ-ċekkijiet ikunu nħarġu mir-Reġjun però ma jkunux għadhom issarfu mill-kreditur u b'hekk dak l-ammont ikun qed jidher pendenti.

Is-Sindku tal-Iklin, is-Sur Anthony Dalli staqsa jekk il-pagamenti tal-Guard and Warden Service House Ltd. ta' Diċembru 2014 kenux inklużi fis-sena finanzjarja tal-2014.

Is-Sur Camilleri spjega li meta huwa kien qiegħed jagħlaq is-sena, huwa kien talab għall-*istatements* mingħand il-kredituri sal-aħħar tas-sena u b'hekk dawn il-pagamenti huma inklużi.

Ir-Rapport tal-Financial Statements ġew approvati fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondata mis-Sur Anthony Dalli.

## 4. KLIKK – IS-SUR EDWARD DEMARCO

Il-President, is-Sur Peter Bonello, stieden lis-Sur Edward De Marco, biex iwwassal il-proposta tiegħu f'isem il-kumpanija tiegħu Klikk. Is-Sur Bonello żied jgħid li s-Sur De Marco kien ġie mistieden għal din il-laqgħa fuq il-proposta tas-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, fil-laqgħat preċedenti.

Is-Sur De Marco ta spjegazzjoni lill-membri preżenti fuq is-servizzi kollha li tagħti l-kumpanija Klikk Ltd. Hu żied jgħid li bħala servizz, Klikk Ltd tirrispondi għal problema fuq il-post fi żmien siegħa jew inqas; u jekk ikun hemm xi apparat li għandu jitranġa mit-technician, il-kumpanija tipprovdi l-istess apparat biex il-ħaddiem ikun jista' jibqa' għaddej bix-xogħol tiegħu. Il-prezz ta' dan il-pakkett huwa ta' €500 fis-sena li jinkludi għoxrin siegħa ta' servizz. Is-Sur De Marco ssuġġerixxa wkoll li sitt darbiet fis-sena, il-kompjuters kollha għandhom jingħataw *service* u li din issarraf għal sitt siegħat.

Il-President, is-Sur Peter Bonello, irringrazzja lis-Sur De Marco tal-preżentazzjoni tiegħu.

Wara li ħareġ mill-kamra, is-Sur Bonello, staqsa għall-ħsibijiet tal-membri preżenti.

Uħud mill-membri spjegaw li ċerti Kunsilli esprimew li din il-Kumpanija tidher li qed toffri pakkett tajjeb pero għandhom arranġamenti ta' manutenzjoni mal-MITA peress li l-programmi tas-sistema huma tagħhom.

## 5. KORRISPONDENZA

### *2.1 Performance Bonuses tal-Ħaddiema*

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, spjegat li fl-aħħar laqgħa kienet tressqet l-ittra mingħand l-impjegati tar-Reġjun fuq il-*performance bonus* għas-sena 2012 u 2013. Il-membri tar-Reġjun kienu ddeċiedew li għandhom jitolbu direzzjoni mid-Dipartiment qabel ma jkunu jistgħu jipproċedu.

Is-Sinjura Galea spjegat li kienet irċeviet risposta mingħand is-Sur Pio Farrugia fejn informa li l-impjegati tar-Reġjun jaqgħu taħt il-ftehim kollettiv. Għal din ir-raġuni fil-paga ma' dan ix-xhar hemm miżjud il-*perfomance bonus* ta' 6% għall-impjegati tar-Reġjun tas-sena 2012. Fil-paga tax-xhar li ġej, dawn l-impjegati ser jieħdu l-*performance bonus* għas-sena 2013.

Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, staqsa għalfejn il-perċentwali tal-*performance bonus* hija 6% u mhux il-minimu ta' 3%.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li peress li f'dawn is-sentejn imsemmija hi ma kenitx taħdem ma' dan ir-Reġjun, din id-deċiżjoni għandha tittieħed mill-membri preżenti.

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega li peress li qatt ma kien hemm problemi fuq dawn l-impjegati u dejjem taw servizz tajjeb, allura dawn għandhom jieħdu l-perċentwali massima ta' 6%.

Il-membri tar-Reġjun ma sabu l-ebda oġġezzjoni.

### *2.2 Ċitazzjoni*

Ittra mis-Sur Emanuel Ciantar fuq ċitazzjoni. Is-Sinjur Ciantar kien ħallas kontravenzjoni li qala' u issa qed jitlob biex ir-Reġjun jagħtih il-flus lura. Is-Sur Ciantar jammetti li kien ipparkjata fuq linja bajda kontinwa peress li kellu bżonn jidħol l-emerġenza. Ma jħossx li kellu jingħata din iċ-ċitazzjoni peress li kellu bżonn jidħol l-emerġenza.

Għal din ir-raġuni, il-membri tar-Reġjun iddeċidew li f'kazijiet bħal dawn ir-Reġjun ma jistax irodd il-flus.

Is-Sur Ciantar għandu jiġi infurmat b'din id-deċizjoni.

### *2.3 Performance Bonus ta' żewġ impjegati part timers.*

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ressqet l-ittra mingħand l-impjegati, is-Sinjura Sandra Tabone u s-Sinjura Jennifer Soler, fuq il-*performance bonus* għas-sena 2012 u 2013.

Is-Sinjura Galea spjegat kif fl-ewwel ittra dawn iż-żewġ impjegati ma kenux inklużi u kif dawn ħassu li huma wkoll għandhom irressqu t-talba tagħhom.

Is-Sinjura Galea spjegat li hi kkonfermat mad-Dipartiment li l-ħaddiema fuq bażi *part-time* ukoll jistgħu jingħataw il-*performance bonus* li jkun equivalenti għal paga tagħhom. Għal din ir-raġuni, fl-iskeda tal-pagamenti tax-xhar ta' Frar 2015, hemm inkluz il-*performance bonus* għas-sena 2012. F'Marzu 2015 ser ikun qed jingħata l-*performance bonus* għas-sena 2013.

Il-membri tar-Reġjun ma sabu l-ebda oġġezzjoni.

### *2.4 Laqgħa mal-On. Dott. Stefan Buontempo*

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ressqet fuq il-mejda e-mail mingħand l-On. Dott. Stefan Buontempo fuq il-laqgħa li kellu flimkien mal-President, is-Sur Peter Bonello, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, u l-Uffiċċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler, dwar l-impjegata temporanja u dwar l-uffiċċju tar-Reġjun.

***2.5 Ittra mis-Sinjura Isabel Cini***

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, resseqt fuq il-mejda l-ittra mingħand l-impjegta tar-Reġjun, is-Sinjura Isabel Cini. Din l-ittra kienet qed tinforma lir-Reġjun li ma tixtieqx tibqa' fil-kariga ta' Deputat Registratur peress li f'dawn l-aħħar tliet snien ma kenitx qiegħda tattendi s-seduti fit-Tribunal f'każ li r-Reġistratur ma tkunx tista' tattendi.

Il-President, is-Sur Peter Bonello ssuġġerixxa li f'dan il-każ, is-Sinjura Ċini għandha tinżel għal skala 15 minflok 13 u tibqa bl-istess *notch*.

Il-membri tar-Reġjun qablu dwar dan u għalhekk is-Sinjura Ċini għandha tiġi infurmata b'din id-deċizjoni.

## 4. KORSIJIET MAT-TCTC

Il-President, is-Sur Peter Bonello, staqsa lill-membri tar-Reġjun għall-ħsibijiet tagħhom fuq il-proposta li kien ressaq is-Sur Ray Abela (mill-kumpanija TCTC) fil-laqgħa preċedenti.

Il-maġġoranza tal-membri qalu li ma għandhomx post adegwat biex iħejju dawn il-korsijiet.

Il-Kunsilli ta' Birkirkara, tal-Imsida, tal-Gżira, tas-Sliema u ta' Ta' Xbiex qalu li bejniethom jistgħu jakkomodaw madwar sebgħin persuna iżda l-Viċi Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Rita Borg, spjegat li l-Kunsill tagħhom diġà qed jagħmel dawn il-korsijiet u allura ma jkunx hemm post biex ikunu jistgħu jakkomodaw aktar gruppi. Għal din ir-raġuni, il-Kunsill ta' Birkirkara mhux interessat.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, ġibdet l-attenzjoni tar-Reġjun li peress li l-ammont huwa ta' €5,000.00, ir-Reġjun ikun irid joħroġ tender.

Is-Sur Bonello staqsa lill-membri jekk jaqblux li dan il-proġett isir bħala Reġjun.

Ġie deċiż li r-Reġjun għandu l-ewwel jistabilixxi kif tista' taħdem din is-sistema biex jinħareġ tender għal dan is-servizz.

## 5. TENDER – SERVIZZI TA' *MECHANICAL ENGINEER* FUQ BAZI PART TIME

Il-President, is-Sur Peter Bonello spjega li l-Bord kompost mill-President is-Sur Peter Bonello, il-Kunsillier ta' Ħal Balzan is-Sur Stephen Gatt, il-Kunsillier tal-Iklin, is-Sur Anthony Borg flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, iltaqgħu fl-uffiċċju amminuistrattiv biex ikunu jistgħu jaġġudikaw it-tender għall-mechanical engineer.

Il-Bord fetaħ id-dokumenti u sab li l-applikanti kollha kienu kwalifikati ta' Mechanical Engineer u kollha kellhom ir-rekwisiti meħtieġa kif ukoll il-Bid-bond ta' €465.87 kif intalab fid-dokument tat-tender. Għal din ir-raġuni l-bord iddeċieda li jagħżel l-irħas offerta ta' AME Health & Safety Services Ltd. peress li kellu d-dokumenti meħtieġa. It-tliet kuntratturi għandhom jiġu infurmati b'din id-deċiżjoni permezz ta' ittra.

## 6. MISTOQSIJIET

### 6.1 *Xiri ta' Uffiċċju għar-Reġjun*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet min-naħa tal-membri.

Il-Kunsillier ta' Ħal Balzan, is-Sur Stephen Gatt, staqsa jekk ir-Reġjun ikunx interessat fl-applikazzjoni li ressaq il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan għal proġett kapitali.

Il-President, is-Sur Peter Bonello, talab lis-Sur Gatt biex il-persuna li tkellem magħha fuq dan il-proġett tkun mistiedna għal-laqgha tar-Reġjun li jmiss biex b'hekk tkun tista' tfiehem aħjar lill-membri kollha tar-Reġjun.

Il-President żied jgħid ukoll li fil-laqgħa li kellu mal-On. Stefan Buontempo, is-Sur Bonello talab jekk jistax jingħata xi għajnuna fuq post għar-Reġjun.

Is-Sindku ta' Tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop xtaq jiċċara l-punt tiegħu fuq l-argument tax-xiri ta' uffiċċju għar-Reġjun. Huwa ssuġġerixxa li jkun hemm aktar informazzjoni dwar il-proċess li għandu jittieħed biex ir-Reġjun ikun jista' jiddeċiedi dwar xiri ta' uffiċċju tar-Reġjun.

Il-President, is-Sur Bonello, talab lis-Sur Stephen Sultana, sabiex sal-laqgħa li jmiss jagħtina stampa ċara fuq is-self li r-Reġjun jista' jieħu.

### ***6.2 Servizzi pprovduti mill-Kunsill Lokali għal G.W.S.H. Ltd.***

Il-Kunsillier ta' San Gwann, is-Sur Dominic Cassar xtaq iqajjam il-punt fuq is-servizzi li kull Kunsill Lokali qiegħed jagħati lill-kumapnija tal-Gwardjani Lokali, Guard and Warden Services House Ltd, biex il-Gwardjan Lokali jkun jista' jiġi fuq il-post minħabba permessi jew toroq magħluqa.

Is-Sur Cassar żied jgħid li bħalma l-Kunsilli Lokali jingħata 10% tal-kontravenzjonijiet li jitħallsu fil-Kunsilli Lokali, l-istess sistema għandha tiġi adottata mal-G.W.S.H. Ltd.

Il-membri preżenti tar-Reġjun kollha qablu dwar dan u s-Sindku tal-Imsida, is-Sinjura Margarthe Baldacchino Cefai, issuġġeriet li din l-ittra għandha tintbagħat mir-Reġjun f'isem il-Kunsilli Lokali kollha li jaqgħu taħtu.

Għal din ir-raġuni, il-President, is-Sur Peter Bonello, talab lis-Sur Dominic Cassar biex jiltaqa' mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sinjura Jeanette Galea, biex jippreparaw ittra għall-attenzjoni tal-kumpanija, G.W.S.H Ltd.

## 7. AFFARIJIET OĦRA

### *7.1 Is-Sur Mario Tonna*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, informal lill-membri preżenti li l-Pulizija, is-Sur Mario Tonna, ħa żbal fid-data tal-aħħar laqgħa u għal din ir-raġuni ma attendiex. Iżda huwa offra li jattendi l-laqgħa li jmiss jekk il-membri jixtiequ li jitkellmu miegħu wkoll.

Il-membri tar-Reġjun qablu li is-Sur Tonna għandu jiġi mistieden għal-laqgħa li jmiss.

### 7.2 *Internship bla ħlas*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, informa lill-membri preżenti li l-kumpanija, Future Focus Ltd, infurmat li għandha studenta oħra biex tiġi taħdem ġewwa r-Reġjun bħala esperjenza. Din ser tkun magħna mit-28 ta' Marzu sad- 29 ta' Mejju 2015.

### *7.3 Aġġornament fuq is-Sejħa ta' Zewġ Executive Officers – Skala 13*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega li ż-żewġ impjegati li kienu ntgħażlu – is-Sinjorina Denyse Scerri u s-Sinjura Elizabeth-Ann Richard, irrifjutaw.

Għal din ir-raġuni r-Reġjun informa lill-ETC biex inkomplu bil-proċess u jibgħatulna l-lista ta' impjegati prospettivi taħt Part 1.

### *7.4 Aġġornament fuq is-sejħa ta' Accounts Executive – Skala 13*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, informal lill-membri tar-Reġjun li l-applikazzjonijiet ntlaqgħu fl-uffiċċju u b'kollox waslu tnejn u tletin (32) applikazzjoni.

Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, qiegħda tevalwa dawn l-applikazzjonijiet biex ikunu jistgħu jsiru l-intervisti ma' dawk li huma eliġibbli.

**9. APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

Is-Sur Dominic Cassar, sekondat mis-Sinjura Rita Borg ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti li huma mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 53 Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

**10. TMIEM**

Fis-7.10pm intemmet is-seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa 25 ta' Marzu, 2015 fil-5.30pm

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv

**Konfermati:**

Peter Bonello
President